MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR. GABRIELLA VELLA

Seduta tad-9 ta' April, 2013

Avviz Numru. 113/2012

**Raycop Enterprises Ltd.**

**Vs**

**LipiTec GmbH & Co. KG**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikorsipprezentat mis-socjetà Raycop Enterprises Ltd. fit-30 ta’ Marzu 2012 permezz ta’ liema titlob li s-socjetà LipiTec GmbH & Co. KG tigi kkundannata thallasha s-somma ta’ sitt elef seba’ mija disgha u tmenin Euro u tnax-il centezmu (€6,789.12) in kwantu ghal erbat elef hames mija sebgha u sebghin Euro u tmienja u ghoxrin centezmu (€4,577.28) bhala rifuzjoni ta’ ammont ghal merkanzija mhux konsenjata minkejja li mhallsa u kwantu ghal elfejn mitejn u hdax-il Euro u erbgha u tmenin centezmu (€2,211.84) ghal merkanzija konsenjata izda difettuza tant li ma tistax tinbiegh fuq is-suq, bl-imghax legali mid-data tal-hlas tal-merkanzija, u cioè mill-11 ta’

Ottubru 2011, sad-data ta' l-effettiv pagament u bl-ispejjez kontra is-socjetà LipiTec GmbH & Co. KG;

Rat li s-socjetà LipiTec GmbH & Co. KG giet notifikata bir-Rikors promotur u bl-Avviz tas-Smigh skond kif provdut fil-Council Regulation (EC) No. 1348/2000 izda baqghet ma pprezentatx Risposta ghat-talba attrici u lanqas dehret ghas-seduti mizmuma mill-Qorti;

Semghet ix-xhieda ta' Dario Chircop moghtija waqt is-seduta ta' l-10 ta' Dicembru 2012[1] u rat id-dokumenti minnu esebiti u markati Dok. "DC1" u Dok. "DC2" a fol. 35 u 36 tal-process;

Rat il-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjetà attrici fil-konfront tas-socjetà konvenuta u li l-istess konvenuta naqset milli tidher halli tirrispondi ghalih;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni s-socjetà attrici titlob li s-socjetà konvenuta tigi kkundannata thallasha s-somma komplessiva ta' €6,789.12, in kwantu ghal €4,577.28 refuzjoni ta' ammont ghal merkanzija mhux konsenjata minkejja li mhallsa u in kwantu ghal €2,211.84 ghal merkanzija kkonsenjata izda difettuza tant li ma tistax tinbiegh fuq is-suq.

Is-socjetà konvenuta ghad illi notifikata bir-Rikors promotur naqset milli tipprezenta Risposta ghat-talba attrici u lanqas dehret biex tirrispondi ghall-Kapitolu li gie pprezentat fil-konfront taghha mis-socjetà attrici.

In sostenn tat-talba taghha s-socjetà attrici ressqet bhala xhud lil Dario Chircop, Managing Director fi hdan l-istess socjetà, illi waqt is-seduta ta' l-10 ta' Dicembru 2012[2]

---

[1] Fol. 36A u 36B tal-process.
[2] Fol. 36A u 36B tal-process.

xehed illi *LipiTec huma suppliers Germanizi ta' xemghat recycled, xtrajna container xoghol minghandhom li kien l-ewwel konsenja. Bazikament kienu ghamlulna proforma ta' €12,914.72, meta gew biex jaghmlu jew ma sabux il-materjal jew hekk baghtulna €8,337.44. Fl-amended invoice li baghtulna max-xoghol li però hallew id-data l-antika, ikkonferma li ahna hallasnihom izjed u 'l quddiem ser jaghtuna d-differenza. … Barra minhekk it-tieni item ta' l-invoice li ser nesebixxi aktar 'il quddiem kien difettuz. Dawn bazikament kienu tealights li kif tixghelhom wara ftit jintfew u kellna nergghu nirrikoljawhom mill-hwienet taghna ghax mhux se taqa' ghac-cajt mal-klijent. Ghandi dokument iehor li huwa the amended invoice ta' LipiTec fejn juri d-data l-antika li hija hazina u qed juri illi rcevew il-pagament ta' €12,914.72 fl-14 ta' Ottubru 2011 u t-tieni item huwa ittikjat li qieghed ghandhna in store u nixtiequ li jew jehduh lura jew inkella jaghtuna credit note*. *Issa ahna in generali f'kazijiet bhal dawn nergghu nixtru nirrangaw, però din id-ditta m'ghogbitna xejn, il-prodott ma intghogobx u meta cempiltlu qalli li qeghdin f'sitwazzjoni diffikultuza finanzjarjament, qatt ma tani commitment u fl-ahhar kelli nheddu bil-proceedings tal-Qorti u qed jinjorawna kompletament.*

Dak affermat minn Dario Chircop ma gie bl-ebda mod kontradett mis-socjetà konvenuta li, kif iktar 'l fuq osservat, ma pprezentatx Risposta ghat-talba attrici u ma dehritx ghas-seduti li nzammu u lanqas dehret biex tirrispondi ghall-Kapitolu li gie pprezentat fil-konfront taghha mis-socjetà konvenuta. Minkejja l-fatt li s-socjetà konvenuta baqghet kontumaci u l-Kapitolu li gie pprezentat fil-konfront taghha ghandu jigi kkunsidrat bhala mistqarr, il-Qorti xorta wahda ma ghandhiex b'mod awtomatiku tilqa' t-talba tas-socjetà attrici minghajr qabel ma tkun ghal kollox konvinta li t-talba kif impostata hija fattwalment **u** legalment gustifikata. Dana johrog b'mod car minn zewg principji ormai ferm assodati fis-sistema guridika nostrali u cioè li: (i) il-kontumacja ma ghandhiex titqies bhala stqarrija jew ammissjoni min-naha ta' l-imharrek ghal dak li jkun qieghed jintalab jew jigi allegat kontrih mill-parti attrici, ghall-kuntrarju l-kontumacja tqieset

bhala kontestazzjoni[3]; u li (ii) il-kapitoli huma biss wiehed mill-elementi ta' xhieda li ghandha tqis il-Qorti, li ghalhekk ma tistax titqies marbuta bihom[4] - u zzid din il-Qorti, partikolarment meta hemm elementi li oggettivament juru li t-talba attrici ma tkunx tista' tigi milqugha in toto jew in parte.

Kif già inghad it-talba tas-socjetà attrici tirrigwarda zewg ammonti minnha pretizi minghand is-socjetà konvenuta: l-ammont ta' €4,577.28 rapprezentanti refuzjoni ta' prezz ta' merkanzija li ghad illi giet imhallsa minnha lis-socjetà konvenuta ma gietx lilha konsenjata u l-ammont ta' €2,211.84 rapprezentanti l-valur ta' *tealights* li rrizultaw difettuzi tant li ma jistghux jinbieghu fis-suq.

Fil-fehma tal-Qorti s-socjetà attrici rnexxielha tipprova b'mod sodisfacenti – tramite ix-xhieda ta' Dario Chircop u d-dokumenti minnu esebiti markati Dok. "DC1" u Dok. "DC2" – li hija effettivament hallset lis-socjetà konvenuta l-ammont komplessiv ta' €12,914.72 ghall-merkanzija minnha ordnata minghand l-imsemmija socjetà izda li bhala fatt irceviet biss merkanzija fl-ammont ta' €8,337.44, b'dana ghalhekk li hemm differenza dovuta lis-socjetà attrici mis-socjetà konvenuta ta' €4,577.28. B'hekk it-talba tas-socjetà attrici ghar-refuzjoni tas-somma ta' €4,577.28 hija gustifikata u tisthoqq li tigi milqugha.

L-istess però ma jistghax jinghad fir-rigward tat-talba tas-socjetà attrici ghall-hlas tas-somma ta' €2,211.84 rapprezentanti l-valur ta' *tealights* li skond l-imsemmija socjetà huma difettuzi. Din it-talba partikolari tas-socjetà attrici ma tistax tirnexxi ghar-raguni li mix-xhieda ta' Dario Chircop irrizulta li dawn it-*tealights* ghadhom fil-pussess tas-socjetà attrici u ma gewx minnha depozitati taht l-Awtorità tal-Qorti jew ritornati lis-socjetà konvenuta. In effetti Dario Chircop iddikjara li *t-tieni item huwa ittikjat* – li huwa l-valur tat-*tealights* in kwistjoni – *li qieghed*

---

[3] Helen sive Nellie Miceli et v. Carmelo sive Charles Pisani, Citaz. Nru. 1761/01 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Ottubru 2004.
[4] Victoria sive Vivie armla ta' Carmelo Cremona et v. Carmelo Chetcuti pro et noe, Citaz. Nru. 809/95 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta' Jannar 2004.

*ghandhna in store u nixtiequ li jew jehduh lura jew inkella jaghtuna credit note*[5].

Kif jirrizulta mill-gurisprudenza nostrali dana l-fatt jikkostitwixxi ostakolu serju ghas-success tat-talba tas-socjetà attrici ghall-hlas tal-valur ta' dawn it-*tealights* difettuzi. Fis-sentenza fl-ismijiet **Zammit Automobiles Limited v. Charles Bezzina, Citaz. Nru. 2434/97** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju 2003, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili osservat illi kompratur li jallega li l-oggett akkwistat kien fih difetti li jirrenduh mhux tajjeb ghall-uzu li ghalih kien intiz ikun qed jibbaza ruhu fuq l-Artikolu 1424 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, dwar liema artikolu qalet illi *l-artikolu 1424, l-actio redibitorja jew aestimatorja jipprovdi li l-bejjiegh hu obbligat li jghamel tajjeb ghal difetti li ma jidhrux tal-haga mibjugha illi jaghmluha mhux tajba ghall-uzu li ghalih hija mahsuba jew li jnaqqsu daqshekk il-valur taghha illi x-xerrej ma kienx jixtriha jew kien joffri prezz izghar li kieku kien jaf bihom. Dan l-artikolu jippresupponi illi l-kompratur ikun accetta l-oggett lilu konsenjat ghaliex kien jifhem li dan kien skond l-ordni u tal-kwalità pattwita. Sitwazzjoni din ghal kollox diversa minn dik kontemplata fl-artikolu 1390 fejn allura l-kompratur ikun ghadu ma ghamilx l-att ta' volontà li bih ikun accetta l-oggett lilu konsenjat. Meta l-haga kunsinnata mill-bejjiegh tkun afflitta minn xin vizzju okkult, ir-rimedji tal-bejjiegh ikunu dawk previsti minn dan l-artikolu u cioè jew l-azzjoni redibitorja jew l-azzjoni kwantu minoris. Il-ligi tipprovdi li x-xerrej jista' jaghzel billi jigi 'l quddiem bl-azzjoni redibitorja li jaghti lura l-haga u jitlob ir-radd tal-prezz inkella billi jigi 'l quddiem bl-azzjoni aestimatorja, jzomm il-haga u jitlob lura dik il-bicca mill-prezz li tigi stabbilita mill-Qorti*[6].

Ikkunsidrat dak li jirrizulta mix-xhieda ta' Dario Chircop fid-dawl ta' l-imsemmija principji guridici huwa evidenti li t-talba tas-socjetà attrici ghall-hlas tas-somma ta' €2,211.84 ma tistax tigi milqugha.

[5] Sottolinear tal-Qorti.
[6] Sottolinear tal-Qorti.

Ghal kull buon fini jigi osservat illi anke kieku stess il-Qorti kellha tqis li t-talba tas-socjetà attrici hija bbazata fuq dak provdut fl-Artikolu 1390 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, il-fatt illi s-socjetà attrici ghad ghandha t-*tealights* difettuzi fil-pussess taghha xorta wahda huwa ta' ostakolu ghas-success tat-talba taghha. Fl-imsemmija sentenza **Zammit Automobiles Limited v. Charles Bezzina** l-Prim' Awla tal-Qorti Civili osservat illi *l-artikolu 1390 tal-Kodici Civili jipprovdi li jekk il-haga li l-bejjiegh igib biex jikkonsenja ma tkunx tal-kwalità imwieghda jew ma tkunx bhal kampjun li fuqu l-bejgh ikun sar, ix-xerrej jista' jaghzel jew li jirrifjuta l-haga u jitlob id-danni jew li jircievi l-haga bi prezz anqas fuq stima ta' periti. F'din l-eventwalità l-ligi tispecifika bi precizjoni kif kellu jagixxi l-kompratur li ma kienx sodisfatt bl-oggett li l-venditur ipprova jikkonsenjalu. Il-ligi taghti direttivi precizi x'jrid jaghmel il-kompratur biex jehles mir-rabta kontrattwali li kien dahal fiha li jakkwista l-oggett minghand il-venditur ladarba dak l-oggett ma jkunx skond il-kwalità imwieghda jew ma jkunx skond il-kampjun. Id-difiza ewlenija tax-xerrej kienet li jirrifjuta l-oggett materjalment jew billi jiddepozitah taht l-awtorità tal-Qorti. Jista' ukoll jaghzel li jaccettah u jhallas ghalih prezz anqas. Din kienet id-difiza li x-xerrej seta' javvanza ukoll per via di eccezione jekk il-bejjiegh jinterpellah biex ihallas il-prezz ta' l-oggett in vendità. Mill-banda l-ohra, <u>jekk ix-xerrej jaghzel li jzomm l-oggett lilu konsenjat u bl-ebda mod ma jirreagixxi skond kif trid il-ligi ghall-fatt li dak l-oggett ma jkunx skond il-kampjun jew tal-kwalità pattwita, hu jkun iqieghed jippregudika rrimedjabilment il-posizzjoni tieghu</u>[7].*

Ghaldaqstant thares minn fejn tahres lejn it-talba tas-socjetà attrici ghall-hlas tas-somma ta' €2,211.84, din ma tistax tigi milqugha.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talba attrici limitatament ghas-somma ta' €4,577.28 u tikkundanna lis-socjetà konvenuta thallas lis-socjetà attrici l-imsemmija somma ta' €4,577.28, bl-imghax legali dekoribbli mill-11 ta' Ottubru 2011, id-data

7 Sottolinear tal-Qorti.

meta dan l-ammont thallas mis-socjetà attrici lis-socjetà konvenuta, sad-data ta’ l-effettiv pagament.

L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati in kwantu ghal 1/4 mis-socjetà attrici u 2/4 mis-socjetà konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------